

# Die Fremde

(When We Leave) A film by Feo Aladag

Winner of the European Parliament Film Prize – LUX Prize 2010

BELGIQUE / BELGIË - BRUXELLES / BRUSSEL
БЪЛГАРИЯ - SOFIA
ČESKÁ REPUBLIKA - PRAHA
DANMARK - KØBENHAVN
DEUTSCHLAND - BERLIN
EESTI - TALLINN
ÉIRE/IRELAND - DUBLIN
ΕΛΛΑΔΑ - ATHINA, THESSALONIKI
ESPAÑA - MADRID, BARCELONA
FRANCE - PARIS, MARSEILLE, STRASBOURG
ITALIA - FIRENZE, MILANO
ΚΥΠΡΟΣ - NICOSIA
LATVIJA - RĪGA
LIETUVA - VILNIUS
LUXEMBOURG - LUXEMBOURG
MAGYARORSZÁG - BUDAPEST
MALTA - VALLETTA
NEDERLAND - DEN HAAG
ÖSTERREICH - WIEN
POLSKA - WARSZAWA
PORTUGAL - LISBOA
ROMÂNIA - BUCUREȘTI
SLOVENIJA - LJUBLJANA
SLOVENSKO - BRATISLAVA
SUOMI/FINLAND - HELSINKI / HELSINGFORS
SVERIGE - STOCKHOLM
UNITED KINGDOM - MANCHESTER, EDINBURGH, GLASGOW

## 1FILM
## 23 LANGUAGES
## 27 EUROPEAN COUNTRIES

For the first time ever, one film subtitled or adapted in the 23 official languages of the European Union (EU) screened in all 27 EU countries at the same time (May 2011).

Screenings are by invitation only

luxprize.eu

20 years of passion
MEDIA EUROPE LOVES CINEMA

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

LUX FILM PRIZE
THE EUROPEAN PARLIAMENT IS COMMITTED TO CULTURE

# Daħla

Il-pajsaġġ kulturali Ewropew huwa frammentat ħafna. Ħajjin kemm ikunu ħajjin, l-iskultura, il-pittura, il-mużika, il-poeżija, iż-żfin jew il-letteratura fl-Ewropa jsibuha bi tqila li jixirfu lil hinn minn fejn inħolqu. Ftit artisti u ftit xogħlijiet biss jirnexxilhom jaqbżu l-fruntieri u jsibu pubbliku mbiegħed minn dak tal-post tal-oriġini tagħhom.

Iċ-ċinema mhijiex eċċezzjoni għal dan. Huwa fatt li l-forza u l-għana tagħha teħodhom mill-kalejdoskopju tal-kulturi u l-lingwi Ewropej. Imma din id-diversità liċ-ċinema ttellifha wkoll. Fil-fatt, il-lingwa oriġinali li biha l-film ikun inġibed tostakolah milli jixtered fis-suq multilingwi Ewropew.

Dan huwa l-qofol tal-problematika tad-distribuzzjoni tal-films fl-Ewropa: li, minkejja l-ostakolu tal-lingwi, jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex film ikun jista' jasal għand l-udjenza tiegħu.

Quddiem din -isfida, il-Premju LUX mogħti mill-Parlament Ewropew jipproponi li film isirulu sottotitli b'tal-anqas it-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – b'adattament tal-verżjoni oriġinali għal dawk neqsin mid-dawl jew mis-smigħ – u li kopja, diġitali jew fuq it-tertuqa tradizzjonali, tintbagħat f'kull wieħed mis-27 pajjiż tal-Unjoni.

Rebbieħ tal-Premju LUX 2010 u l-ewwel film twil ta' Feo Aladag, *Die Fremde* qed jiintwera bit-23 lingwa uffiċjali u fis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'dan ix-xahar ta' Mejju, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Ewropa.

B'din l-inizjattiva, il-Parlament Ewropew qed joħloq spazju pubbliku Ewropew, jiġifieri żmien u post li fihom inti, flimkien ma' ċittadini Ewropej oħra, tkun tista' titqanqal minn kwistjoni ta' interess komuni, u mbagħad tidħol f'dibattitu dwarha.

*Die Fremde* jittratta d-delitti tal-unur. Dawn huma atti ta' vjolenza ġeneralment imwettqa fuq nisa jew bniet minn membri tal-familja tagħhom minħabba li, minn perspettiva suġġettiva, ikunu "ħammġu" l-unur tal-familja.

Permezz tat-tixbik tal-ħars u tal-opinjonijiet taċ-ċittadini Ewropej minn kull rokna tal-Unjoni fl-unitajiet tal-azzjoni, taż-żmien u tal-post, nistgħu nippruvaw inwieġbu l-mistoqsija li ġejja: *„X'sar ifisser li tkun ċittadin Ewropew?"*

Nawgurawlkom li, intom u ssegwu l-ġrajja ta' Umay u binha, tħossu l-istess emozzjoni li qanqlet lilna. Nittamaw ukoll li l-materjal li ġej jirfed ir-riflessjonijiet tagħkom u jitma' d-dibattitu pubbliku.

**Isabelle Durant**
Viċi President
tal-Parlament Ewropew

**Stavros Lambrinidis**
Viċi President
tal-Parlament Ewropew

**Doris Pack**
President tal-Kumitat
għall-Kultura u l-Edukazzjoni
tal-Parlament Ewropew

LUX FILM PRIZE
THE EUROPEAN PARLIAMENT
IS COMMITTED TO CULTURE

# Il-Barranija (Die Fremde)

Rebbieħ tal-Premju LUX 2010 mogħti mill-Parlament Ewropew

Una película de **Feo Aladag**
Alemania, 2010, 119 minutos
Con Sibel Kekilli (Umay), Nizam Schiller (Cem), Derya Alabora (la madre), Settar Tanriogen (el padre), Serhad Can (Acar), Tamer Yigit (Mehmet), Almila Bagriacik (Rana)

## Preżentazzjoni

Meta kitbet, idderiġiet u pproduċiet il-film *Die Fremde*, Feo Aladag trattat suġġett universali: dak tal-kunflitt bejn ix-xewqa għall-iżvilupp personali u l-pressjoni soċjali u familjari. B'dan il-mod, hija tpenġilna stampa ta' żagħżugħa Torka, Umay, li tagħżel li tgħix ħajja indipendenti f'post fejn it-tradizzjoni kulturali teżiġi li n-nisa jissottomettu lilhom infushom għall-irġiel, irrelevanti jekk humiex l-irġiel tagħhom, missirijiethom jew ħuthom is-subien. Billi ambjentat ir-rakkont fil-Ġermanja (fejn Umay kibret u fejn hija tingħaqad ma' familtha) u fit-Turkija (fejn hija żżewġet u tgħix mal-familja tar-raġel tagħha), hija tinserixxi dan is-suġġett fil-kuntest tal-konċiljazzjoni tal-kulturi fl-Ewropa.

Dan id-dokument joffri lill-udjenza ħarsa dettaljata dwar il-film:

- **perspettiva** dwar ir-realtà tal-krimini tal-unur;
- **analiżi tar-rakkont** li tittratta
  l-ewwel <u>il-kunflitt bejn ix-xewqa</u> għall-indipendenza ta' Umay u <u>t-tradizzjoni li familtha tiddefendi</u>
  u wara <u>l-iżvolġiment drammatiku</u> tal-film
  u finalment <u>id-dimensjoni femminista</u> tiegħu;
- analiżi ta' ċerti metodi użati **għall-produzzjoni ċinematografika** tal-film *Die Fremde*.

Dawn l-elementi ta' analiżi huma mżewqa b'ċerti inkwadraturi li jmorru lura għal ċerti xeni biex jiġu definiti xi kwistjonijiet jew biex minnhom wieħed jieħu spunti għal xi riflessjoni.

Il-mistoqsijiet li wieħed jistaqsi dwar dan kollu għandhom jippermettu, tal-inqas wieħed jispera, li jinfetaħ djalogu dwar il-film.

## Il-perspettiva

### Il-krimini tal-unur: mir-realtà għaċ-ċinema

Huwa fuq stedina ta' Amnesty International li Feo Aladag, għall-ewwel darba, bdiet tirriċerka dwar il-vjolenza kontra n-nisa, bl-għan li toħloq żewġ reklami li bihom tqajjem kuxjenza dwar dan. Għal din id-direttriċi tal-films, l-interess dwar dan is-suġġett ma spiċċax wara li wettqet dawn il-films qosra. Għall-kuntrarju, kien għad fadal ħafna mistoqsijiet mhux imwieġba; il-midja, b'mod regolari, tagħmel referenza għall-"krimini tal-unur". Huwa għalhekk li din id-direttriċi għażlet li tidħol iktar fid-dettal ta' din il-kwistjoni. Għall-ewwel, din l-investigazzjoni ħadet il-forma ta' inkjesta twila, b'mod partikolari dwar il-vittmi, qabel ma ngħatat il-ħajja permezz ta' xenarju u iktar tard permezz ta' film ta' finzjoni.

Il-vjolenza kontra n-nisa, u b'mod partikolari l-"krimini tal-unur" li kienu ta' ispirazzjoni għall-film ta' finzjoni *Die Fremde*, hija fenomenu reali għall-aħħar.

Il-krimini tal-unur huma atti ta' vjolenza ġeneralment kommessi kontra n-nisa jew it-tfal bniet minn membri tal-familja tagħhom minħabba li huma jkunu "ħammġu" l-unur tal-familja tagħhom. Dan il-kunċett ta' "unur li tħammeġ" huwa estremament vag u suġġettiv. Fil-verità huwa kunċett li jfittex li jikkastiga mġiba immorali, reali jew preżunta. Il-"kastig" jista', fl-agħar forma tiegħu, jikkonsisti fil-qtil tal-persuna iżda jista' wkoll jieħu l-forma ta' aggressjonijiet ta' kull tip (mutilazzjonijiet, sfigurazzjonijiet...). L-imġiba "immorali" tikkonsisti f'relazzjonijiet sesswali barra ż-żwieġ - kultant anki meta dan ikun stupru -, ir-rifjut ta' żwieġ furzat jew kull metodu ieħor li bih persuna tipprova taħrab mill-kontroll eżerċitat mill-irġiel tal-familja.

Il-krimini tal-unur iseħħu f'diversi pajjiżi, fi ħdan komunitajiet patrijarkali. Hija din in-natura kulturali u soċjoloġika, is-sistema patrijarkali, li hija deċiżiva fil-komunitajiet fejn jitwettqu dawn il-krimini tal-unur, u mhux ir-reliġjon. Il-patrijarkija hija frekwenti fil-komunitajiet Musulmani, iżda l-Iżlam m'għandux jitqies bħala l-kaġun tal-"krimini tal-unur". Dak li għandu jiġi enfasizzat huwa r-rappreżentazzjoni tad-dinja arkajka fejn in-nisa u t-tfal bniet huma obbligati jissottomettu lilhom infushom għall-awtorità tal-irġiel fil-familja tagħhom.

Minkejja li l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda ssemmi ċifra, li x'aktarx hija ħafna inqas minn dik reali, ta' 5,000 vittma fid-dinja annwalment, mhuwiex faċli li jiġi stmat il-kobor tal-fenomenu tal-krimini tal-unur minħabba li dawn mhux dejjem jiġu mmonitorjati, ta' spiss jiġu rrappurtati bħala inċidenti jew suwiċidji, minħabba li l-biża' minn theddid żżomm lura lill-familja tal-vittmi jew lill-vittmi stess milli jitkellmu fuq dak li jkunu għaddew minnu, minħabba li l-vittmi stess mhux dejjem iqisu lilhom infushom bħala tali, iżda jħossu li huma ħatja ta' żball li għalih il-kastig li jirċievu jkun leġittimu.

L-istorja ta' Umay, il-persunaġġ prinċipali tal-film, sa ċertu punt hija s-sommarju ta' ħafna stejjer, fatt li jagħti karattru eżemplari lil dan il-persunaġġ.

## L-analiżi tar-rakkont

### Il-kunflitt bejn l-iżvilupp personali u t-tradizzjoni kulturali

Billi tesprimi x-xewqat tagħha, Umay turi ideal li għandu valur kbir fis-soċjetajiet imsejħa żviluppati, dak tal-iżvilupp personali. Fil-fatt, hija tixtieq "kollox": li tiddeċiedi tridx ikollha tfal jew le (hija tagħmel abort fil-bidu nett tal-film), li titlaq lil żewġha li ma tħobbx (jew li m'għadhiex tħobb), li terġa' tmur tgħix il-Ġermanja, fejn tibda tistudja, issib xogħol, tgħix ħajja indipendenti, li tiltaqa' ma' xi ħadd ġdid u tibda tħobb, li żżomm lil binha magħha u li finalment tgawdi l-imħabba u l-affezzjoni ta' familtha.

Hija ommha li, skont l-irwol proprju tagħha, tkun minn tal-ewwel li tgħidilha li dawn ix-xewqat huma eċċessivi: "Inti trid wisq, tkomplix toħlom". Hija tgħidilha wkoll li fir-rwol ta' mara u ta' omm, mara għandha tagħmel sagrifiċċji, fatt li mill-ewwel iqajjem diżgwid aggressiv bejn omm Umay u bintha.

Bla dubju huwa diffiċli għal Umay li kibret il-Ġermanja, f'kuntatt mal-valuri tas-soċjetà oċċidentali, li tammetti li għandha tirrinunzja għal dak li tixtieq. Ċertament, hija kienet tapprezza l-ideal tal-iżvilupp personali ta' persuna. Għaldaqstant, hija tgħix skont ix-xewqat tagħha. B'hekk hija topponi l-familja tagħha li tirrispetta t-tradizzjoni li skontha n-nisa għandhom jissottomettu ruħhom għar-rieda tal-irġiel.

Fil-fatt, fil-familja ta' Umay, u b'mod iktar ġenerali fil-komunità li hija tagħmel parti minnha, jidher li l-ideal huwa li kulħadd jagħmel parti minn grupp fejn postu jkun stabbilit, b'mod partikolari skont is-sess ta' dak li jkun. B'hekk, il-libertà tal-individwi tiġi espressa biss fir-rispett tal-ogħla awtoritajiet: il-familja, ir-reliġjon u l-projbizzjonijiet li hija tistabbilixxi, il-preminenza tal-irġiel. Għaldaqstant, il-familja ma tappoġġjax il-fatt li Umay telqet lil żewġha, minkejja li taf li dan kien vjolenti fil-konfront tagħha. Iżda dak li huwa għalkollox intollerabbli f'għajnejn il-komunità huwa li Umay ħadet lil binha magħha u li hija ma tridx tagħti l-kunsens tagħha biex missieru "jieħdu lura".

L-intransiġenza ta' Umay ikkonfrontata ma' dik ta' familtha, fejn din tal-aħħar hija influwenzata ħafna mill-mod kif iħarsu lejha l-membri l-oħra tal-komunità, twassal għal kunflitt vjolenti immens.

Nistgħu ngħidu li f'dan il-kunflitt insibu żewġ kunċetti mondani li jopponu lil xulxin: wieħed li jagħti preċedenza lill-individwu u x-xewqat tiegħu, l-ieħor li jagħti preċedenza lill-komunità u lill-organizzazzjoni tagħha. Sa ċertu punt, dan huwa dak li tgħid Gül, sid l-impriża fejn taħdem Umay: "Jekk il-familja tiegħek ikollha tagħżel bejnek u bejn il-komunità, hija qatt mhi se tagħżel lilek".

### L-iżvolġiment drammatiku: mill-imħabba għall-mibegħda

Minn xħin Umay tmur lura għand familtha f'Berlin sal-aħħar tal-film meta ħutha s-subien jippruvaw joqtluha, wieħed jassisti għal degradazzjoni traġika tar-relazzjonijiet familjari. Fil-fatt, mal-wasla tagħhom f'Berlin, Umay u binha Cem jintlaqgħu mill-familja Aslan b'ħafna kuntentizza u mħabba. Iżda f'qasir żmien, din il-kuntentizza titgħarraq b'sens ta' inkwiet. Umay tiddikjara li mhijiex se tirritorna it-Turkija għand żewġha. Il-familja tixtieq temmen li dan huwa biss mument impulsiv min-naħa ta' Umay u li din ma ddumx ma ċċedi għar-"raġunament" tagħhom. Madankollu, Umay hija deċiża u tirrifjuta li ssegwi l-pariri, u wara l-ordnijiet, tal-ġenituri tagħha. Wara li kien ippjanat il-ħtif ta' Cem biex dan jiġi rritornat lil missieru, Umay taħrab u ssib ruħha mkeċċija mill-familja. Finalment, meta Umay jirnexxilha tibda tgħix il-ħajja indipendenti li minn dejjem xtaqet, u tibda toħlom li tibda familja ma' raġel ieħor, missierha u ħutha s-subien jibdew ifittxuha biex joqtluha.

Dan l-iżvolġiment drammatiku jiżviluppa f'ambjent ta' inċertezzi. Fil-fatt, flimkien mal-kunflitt ta' bejn Umay u familtha hemm ukoll oppożizzjoni oħra: bejn l-imħabba familjari u l-konvinzjonijiet personali. Kull membru tal-familja Aslan, f'xi mument jew ieħor, jiddispjaċih ta' dan il-kunflitt: huma jħobbu lil Umay u lil Cem, iżda ma jistgħux jilħqu kompromess maż-żagħżugħa.

Il-missier, b'mod kontinwu, jaqleb minn attitudni għal oħra: x'għandu jagħmel? Iħoss sens ta' mħabba u tenerezza lejn bintu jew għandu jikkastigaha u jwarrabha? żewġ reazzjonijiet spontanji li bejniethom kultant ikun hemm tentattivi ta' djalogu "raġonevoli" u ta' konċiljazzjoni. Se narawh idaħħal lil bintu fis-sodda, jidħaq magħha quddiem it-televixin, iħarsilha mit-tieqa, iwaqqaf it-tentattivi tal-ħtif ta' Cem, jitlobha skuża..., iżda fl-istess ħin se narawh isawwatha, jinsultaha, iħejji u jipparteċipa fil-ħtif ta' binha, ikeċċiha minn daru u fl-aħħar jagħti l-ordni biex tinqatel...

Jekk dan il-kunflitt huwa partikolarment evidenti fir-rwol ta' kap li għandu l-missier, il-membri l-oħra tal-familja jħossuh ukoll: anki Mehmet, l-iktar wieħed goff, jibki wara li l-familja tiddeċiedi u tagħti l-ordni li tinqatel Umay. Acar, ħuha ż-żgħir, ukoll jinsab imgerfex u bejn ħaltejn dwar l-imħabba tiegħu għal oħtu u l-pressjoni tal-familja u l-komunità: ir-relazzjoni tiegħu ma' Umay hija privileġġjata hekk kif nistgħu naraw mix-xeni ta' rikonċiljazzjoni u ta' kompliċità li jiżvolġu bejniethom. Minkejja dan, Acar ma jistax jirrifjuta l-missjoni li ngħatatlu - dik li joqtol lil Umay. Madankollu, fl-aħħar mument, huwa jirrifjuta.

Il-persunaġġ ta' Rana huwa iktar definit: iż-żagħżugħa, ikkapparrata mill-għarus żagħżugħ tagħha, hija kuntenta meta oħtha terġa' lura u tieħu pjaċir tiftaħ qalbha magħha, iżda hija żżomm id-distanza meta Umay twissiha dwar imħabba li mhijiex matura biżżejjed, u fuq kollox meta x-xewqa ta' indipendenza ta' Umay tpoġġi ż-żwieġ tagħha fil-periklu.

Min-naħa tagħha, omm Umay hija l-iktar waħda li tinsab f'pożizzjoni delikata. Hija l-iktar waħda li tirrappreżenta, għalkemm bl-aktar mod diskret, dan il-kunflitt. Hija tinsab bejn ħaltejn: min-naħa l-waħda hija tħoss tenerezza u empatija (hija tgħannaq lil bintha wara li tara l-marki tas-swat fuq ġisimha, hija tagħtiha taliżman biex jipproteġiha, hija tinkwieta meta Umay titlaq mid-dar...) u min-naħa l-oħra tħoss diżapprovazzjoni u rabja (hija tipprova ġġegħilha tbiddel l-opinjoni, tirrabbja meta tara li bintha għarrqet l-unur tal-familja u hija tkun preżenti waqt it-tentattiv tal-ħtif ta' Cem...). Bħala omm, m'hemmx dubju li hija ssoffri għal bintha, iżda bħala mara, jekk tagħtiha raġun, is-sagrifiċċji li hija stess kellha tissottometti ruħha għalihom ma jibqgħux jagħmlu sens.

## Diskors femminist

Billi tiġġieled għal ħajja indipendenti, fejn hija tikkontrolla d-dimensjonijiet differenti li din toffri, Umay titlob b'mod impliċitu għal drittijiet ugwali bejn in-nisa u l-irġiel. Jekk l-ugwaljanza tad-drittijiet bejniethom inkisbet teoretikament jew legalment, dan mhuwiex il-każ fir-realtà. Barra minn hekk, il-film ta' Feo Aladag fih diskors evidentement femminist, xi ħaġa li nistgħu naraw b'mod ċar fix-xewqa ta' emanċipazzjoni ta' Umay u fis-solidarjetà tal-persunaġġi femmili tal-film. Is-superjorità maskili hija evidenti fid-diskors tal-persunaġġi maskili u kkonfermata b'mod impliċitu mill-kwistjoni li jirrappreżenta iben Umay.

### *Ambjent patrijarkali*

Jekk mal-wasla tagħha għand familtha fil-Ġermanja, Umay intlaqgħet b'ħafna ferħ u mħabba, id-deċiżjoni tagħha li ma terġax lura għand żewġha ma ddumx ma tqajjem sens ta' nkwiet u iktar tard ta' rabja. Dan għaliex mara m'għandhiex il-jedd li tagħżel b'mod ħieles id-destin tagħha. Din il-projbizzjoni mhijiex diskussa b'mod espliċitu, hekk kif juri d-diskors bejn Umay u missierha: iż-żagħżugħa ma taqbilx ma' missierha li minn dejjem ammira liz-ziju Béchir, li għamel fattih. Il-missier jgħidilha li hi ma tistax tqabbel lilha nnifisha miegħu... Għala? tistaqsih. Għax hekk! iwieġeb il-missier, u b'hekk jagħlaq id-diskussjoni.

Għalkemm mhuwiex possibbli għall-missier li jikkonferma verbalment il-libertà tal-irġiel u l-obbligu tan-nisa li jissottomettu lilhom infushom għall-awtorità maskili, id-dominanza tal-irġiel timmanifesta ruħha b'mod evidenti.

Ħafna elementi oħra tal-film jiġu trattati bl-istess mod. Umay l-ewwel tirċievi pariri li mbagħad isiru ordnijiet: postok huwa ma' żewġek; ma tistax tiċħad lil żewġek minn ibnu... Meta jiġi ffaċċjat bid-determinazzjoni ta' Umay, missierha jiddispjaċih li ma twelditx tifel.

Min-naħa l-oħra, l-irġiel tal-familja jimxu skont ir-regoli li jaqbel lilhom: il-missier isawwat lil ibnu Acar għax dan m'aġixxiex "ta' raġel"; l-irġiel imorru l-moskea flimkien; huma jiltaqgħu biex jieħdu deċiżjonijiet importanti... Minħabba s-sitwazzjoni delikata li jinsab fiha, il-missier imur jitlob parir lil raġel anzjan.

Ir-rwol ta' Cem, iben Umay, huwa indikatur ukoll: wieħed jista' jassumi li r-rakkont kien jieħu xejra differenti li kieku huwa kien tifla żgħira. Bla dubju, ċerti dettalji relattivament mhumiex daqstant importanti, bħal pereżempju l-attenzjoni li jagħtuh in-nanniet tiegħu u zijuh Mehmet li jilagħbu miegħu, jew bħall-fatt li dawn l-istess irġiel jeħduh magħhom il-moskea (fatt li jixbah lill-introduzzjoni uffiċjali fil-komunità tal-irġiel). Iżda l-kwistjoni ta' kif Cem għandu jerġa' lura għand missieru, bla dubju ta' xejn, ma kinetx tkun tant

importanti, li kieku Cem kien tifla. Fl-aħħar mill-aħħar, dak li tiġi kritikata għalih l-omm, Umay (minħabba li serqet lil binha mingħand il-missier), faċilment jista' jingħad għall-missier, ladarba l-ġenituri ta' Umay jipparteċipaw fit-tentattiv tal-ħtif tat-tifel.

## *Nisa magħquda bejniethom*

F'dan il-kuntest patrijarkali, in-nisa għandhom iċ-ċirku ta' ħbieb tagħhom. Fil-familja ta' żewġha, Umay taqsam ma' oħt żewġha s-sigriet dwar l-abort tagħha. Din saħansitra kienet kompliċi, peress li hija ħadet ħsieb Cem sakemm ommu marret għall-intervent. Meta Umay marret lura għand il-ġenituri tagħha f'Berlin, hija qalet lil ommha u lil oħtha Rana dwar id-deċiżjoni tagħha li ma terġax tmur lura għand żewġha, filwaqt li l-missier tal-familja ma kienx jaf mill-ewwel dwar il-fatt li bintu kienet se tibqa' hemm b'mod definittiv. Fid-dar fejn issib rifuġju Umay, hija tintlaqa' minn mara, li magħha, iktar tard, hija tikkondividi ħarsa ta' konsapevolezza, fejn wieħed jista' jara empatija min-naħa ta' Carmen u ta' gratitudni min-naħa ta' Umay. Iktar tard tkun ħabibitha Atife li tilqagħha ġewwa darha. Iżda l-aktar persunaġġ femminili eżemplari huwa bla dubju ta' xejn id-direttriċi tal-impriża tal-forniment tal-ikel (catering) li impjegat lil Umay. Fil-fatt, hija tagħmilha ta' intermedjarju għal Umay mal-ġenituri tagħha. F'din l-okkażjoni hija tagħmel diskors awdaċi u fundmentalment femminist. Għall-ewwel, hija ma tapprovax il-kliem tal-missier li jagħmilha tabirruħu li hija Umay li ma tixtieqx tara iktar lill-familja tagħha. Mbagħad, hija titlob lill-missier biex ikun ta' eżempju tajjeb ladarba huwa mudell għal uliedu. Hija żżid li huwa għandu jieħu ħsieb lil uliedu kollha u tinsinwa li jista' wkoll jagħti l-każ li jitlef tifel... B'dan il-mod, sottili għall-aħħar, hija tinsisti dwar ir-rwol tal-missier u tipprevedi li huwa jista' jieħu deċiżjoni ħażina. Fl-istess ħin, hija turi kemm sens ta' kuraġġ meta jkollha żżomm sod meta tiffaċċja lill-missier tal-familja kif ukoll sens ta' diplomazija meta hija tinsisti dwar ir-rwol eżemplari tiegħu. Finalment, meta hija tħalli lill-ġenituri, wara li d-djalogu mal-missier ikun spiċċa, hija ddur tħares lejn omm Umay, bħallikieku biex tgħidilha: "prova rattablu qalbu lil żewġek, inti li inti martu". Malli titlaq, lill-missier li jixtiqilha li Alla jħarisha, hija tirrispondi b'ċertezza, kif ukoll bi sfida, li Alla m'għandu x'jaqsam xejn f'dak kollu li qed jiġrilhom.

## *Emanċipazzjoni u determinazzjoni*

Billi jadottaw il-perspettiva ta' Umay, l-ispettaturi huma mistiedna jpoġġu lilhom infushom fiż-żarbuna tagħha, li jikkondividu x-xewqat tagħha. Il-maġġoranza tagħhom jidentifikaw ruħhom bla dubju maż-żagħżugħa u jikkunsidraw ix-xewqa tagħha ta' emanċipazzjoni bħala waħda leġittima.

Minkejja li, bħala spettatur, wieħed jista' jimmaġina d-diffikultajiet li hija se tiġi ffaċċjata bihom, id-determinazzjoni tagħha hija indikazzjoni tal-forza li qed tmexxiha 'l quddiem. Fil-fatt, hija twettaq azzjonijiet qawwijin ħafna bħal pereżempju meta taħraq il-passaport tagħha, biex b'hekk ir-ritorn tagħha fit-Turkija jkun wieħed problematiku, jekk mhux impossibbli. Matul ġlieda vjolenta ħafna ma' missierha li qalilha bl-intenzjoni tiegħu li jirritorna lil Cem għand Kemal, hija taqbad sikkina u taqta' l-polz. Iktar tard, hija tmur għaċ-ċerimonja taż-żwieġ t'oħtha Rana, minkejja l-fatt li hija ma kinetx mistiedna. Wara li titkeċċa minn dan ir-riċeviment, hija terġa' lura biex titlob li binha jintlaqa' minkejja dak kollu li jkun qed jiġri: hija titla' fuq il-podju u tiddikjara quddiem il-folla tal-mistednin li hija "ħammġet l-unur" ta' familtha.

Ix-xewqa ta' Umay għal-libertà tinħass ukoll meta hija tirrifjuta l-ordnijiet kollha li tingħata: ovvjament dawk ta' familtha li riditha tirritorna għand żewġha b'binha, iżda wkoll dawk ta' sid il-post fejn hija sabet rifuġju li qaltilha li minn dakinhar 'il quddiem hija ma kellhiex tikkuntattja iktar lil familtha. Anki l-pariri ta' Atife, li tipproponilha li tilmenta kontra ħuha Mehmet, ma tantx intlaqgħu tajjeb minn Umay.

Il-powster tal-film juri lil Umay mill-ġenb li qed turi sinjal ta' rispett lil missierha billi tpoġġi ġbinha fuq idu. Meta l-missier jidħol id-dar dakinhar li tirritorna Umay, Cem jagħmel l-istess ħaġa lin-nannu tiegħu, fatt li jmiss qalb l-udjenza. In-nannu jgħidlu: "nispera li inti għad tkun rispettat bl-istess mod".

***Din ix-xena kif tista' tintrabat mas-suġġett tal-film? Xi tgħid din ix-xena dwar il-valuri tal-familja? Kif għandna ninterpretawha, wara li jispiċċa l-film?***

Fit-tieġ ta' Rana, wara li tkeċċiet darba, Umay terġa' lura u titlob pubblikament li binha Cem jintlaqa' bħala membru tal-familja. B'mod paradossali, b'dan l-aġir tagħha, fejn Umay turi l-fraġilità tagħha, il-missier iqum, jagħmel pass 'il quddiem, imbagħad jieqaf zoptu. Min-naħa tiegħu, Mehmet irid iwaqqaf din ix-xena disturbanti u jġiegħel lil Umay toħroġ, billi juża l-vjolenza. ***Immaġina li kieku l-missier kompla l-moviment tiegħu. X'kienet tkun ir-reazzjoni tiegħu? U x'konsegwenzi kienet iġġib magħha?***

Fil-kuntest patrijarkali li fih jiżvolġi r-rakkont, il-mewt ta' tifel x'aktarx tikkawża ħafna iktar dieqa mill-mewt ta' tifla... Minflok solva l-problema, Mehmet, bil-mewta

aċċidentali ta' Cem, jiggrava s-sitwazzjoni.
***Immaġina x'riperkussjonijiet jista' jkollu dan l-avveniment għall-persunaġġi differenti u għar-relazzjonijiet ta' bejniethom? X'kienu jkunu l-konsegwenzi li kieku Mehmet kiseb l-għan tiegħu: dak li joqtol lil Umay u jsalva l-ħajja ta' Cem?***

## Effiċjenza ċinematografika kbira

L-iżvolġiment ċinematografiku ta' *Die Fremde* jiddistingwi ruħu grazzi għal ċerti metodi li jinvolvu lill-udjenza: enigmi, ellissi, sentenzi li ma jintqalux, li kollha jwasslu biex l-udjenza tagħmel mistoqsijiet, tifformola ipotesijiet, tinterpreta u kultant tinterpreta mill-ġdid ċerti xeni, metodi li jwasslu biex il-film ikun wieħed effiċjenti, b'tali mod illi tinżamm u tinġibed l-attenzjoni tal-pubbliku.
Il-film jibda b'xena li sseħħ wara li jkun spiċċa r-rakkont (fatt li wieħed ma jindunax bih ħlief fl-aħħar tal-film) u li fiha nnifisha tikkostitwixxi enigma fuq livelli differenti. Minn skrin li jkun għadu iswed, wieħed jisma' vuċi ta' tifel, li jgħid il-kelma "mama". Mbagħad, l-ewwel ftit immaġni tal-film juru żagħżugħa u żagħżugħ, minn wara, mexjin ħdejn xulxin fit-triq. Iż-żagħżugħ, mill-ġenb, f'xena meħuda mill-qrib ħafna (close-up) jidher irrabjat, inkwetat. Iż-żagħżugħa, li qed iżżomm tifel minn idu, turi liż-żagħżugħ sinjal ta' mħabba: hija tpoġġi idejha ma' daharu. Mbagħad huwa jieqaf. Hija timxi ftit 'il quddiem, qabel ma ddur u ssib liż-żagħżugħ jipponta arma tan-nar lejha. Din ix-xena tkompli b'ellissi ladarba l-immaġni li jmiss turina liż-żagħżugħ (mingħajr arma) jiġri fit-triq. Wara nsibuh b'nifsu maqtugħ fuq karozza tal-linja. Huwa f'dan il-mument li jara xi ħaġa fuq barra, xi ħaġa li tattiralu l-attenzjoni u li jdum iħares lejha.
Din l-ewwel xena tqajjem diversi mistoqsijiet: min jgħid il-kelma "mama"? F'liema kuntest intqalet din il-kelma? Min huma dawn in-nies li segwejna fit-triq? X'rabta hemm bejniethom? Għalfejn iż-żagħżugħa tinsab mhedda b'mod brutali miż-żagħżugħ li minkejja kollox jidher li hi tafu sew? Għalfejn huwa jaħrab jiġri? X'ġara minn xħin ġiet mhedda ż-żagħżugħa sa xħin naraw liż-żagħżugħ jaħrab? Spara? X'sar mill-arma? X'jiġbidlu l-attenzjoni meta jkun fuq il-karozza tal-linja? Dawn il-mistoqsijiet kollha jitwieġbu fl-aħħar tal-film. Xeni oħrajn jagħmlu użu mill-ellissi u minn sentenzi li ma jintqalux. Xena mill-aktar qawwija hija dik tal-vjaġġ fit-Turkija li tibda b'immaġni ta' karozza tal-linja fil-kampanja. (Wieħed jista' jaħseb li Umay tinsab fuqha, peress li, fix-xena preċedenti, hija tkun qalet lil Stipe li tixtieq tmur hemm...) Fil-fatt, huwa missier Umay li jmur it-Turkija. Jasal f'villaġġ, jidħol f'dar sempliċi fejn ikun hemm persuna rieqda. Fix-xena segwenti, il-missier ikun qed iħares lejn il-persuna li issa tkun qamet: huwa raġel xwejjaħ. Mbagħad il-missier jerġa' jitlaq. Din ix-xena hija kompletament silenzjuża, ma nafux min hu dan ix-xwejjaħ, u x'intqal bejniethom. Wieħed jimmaġina jew jinterpreta mill-ġdid a posteriori li missier Umay mar jitlob parir lil bniedem "għaref" (missieru stess forsi) dwar il-problema li ffaċċjatu biha bintu u li dan tah parir li jeħles minn Umay...
Eċċezzjonali wkoll il-parir silenzjuż tal-irġiel tal-familja meta Acar jirċievi l-ordni li joqtol lil Umay, mument li jiġi segwit b'żewġ xeni muti: Acar, f'kamartu, jagħti daqqa ta' ponn fuq l-għamara; Mehmet jibki. Ix-xena fl-isptar, fejn il-missier jitlob maħfra lil Umay, tista' tiġi wkoll interpretata b'żewġ modi: Umay (bħal xi wħud min-nies fl-udjenza bla dubju) taħseb li din it-talba għall-maħfra tirrigwarda s-sofferenzi li kellha tgħaddi minnhom, partikolarment it-tkeċċija mill-familja, iżda fil-verità, din it-talba tirrigwarda l-aggressjoni li għadha trid isseħħ...
Għaldaqstant, is-sentenzi li ma jintqalux u l-ellissi jippreservaw l-effetti ta' sorpriża tax-xenarju u l-kwalità tal-ħars, tal-ġesti u finalment tal-parti li jaħdmu l-awturi tikkumpensa ħafna l-ekonomija tal-kliem.

Anne Vervier
Les Grignoux (Liège, il-Belġju)
www.grignoux.be

les grignoux

*Fil-ġabra "Ecran large sur tableau noir", iċ-Ċentru Les Grignoux ippubblika aktar minn 300 studju pedagoġiku dwar l-istess ammont ta' films, li l-maġġoranza tagħhom ġejjin mill-Ewropa. Dawn id-dokumenti, intenzjonati għall-għalliema imma anke għall-pubbliku li jkollu għall-qalbu ċ-ċinema, jipproponu diversi spunti oriġinali għall-qari u r-riflessjoni għal kull wieħed mill-films studjati.*

EUROPA CINEMAS
MEDIA-PROGRAMME OF THE EUROPEAN UNION

LUX
FILM PRIZE
THE EUROPEAN PARLIAMENT
IS COMMITTED TO CULTURE